# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 774

KAZ NRU. 1054

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Carmel Vella

u

Michael Debono Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data: 12 ta’ Dicembru, 1996

**Chairman : Is-Sur Carmel Debono**

## 1. INTRODUZZJONI

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta’ ittra datata 8 ta’ Lulju, 1996 Ref. ME 4/95/162/III biex tigi processata skond l-Artiklu 28(2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta’ Malta.

It-Tribunal zamm hames (5) seduti.

L-appellant kien assistit mill-avukat Joseph Brincat LL.D. waqt li l-Kumpanija Michael Debono Ltd kienet rapprezentata mis-sur Philip Debono assistit mill-avukat Paul Borg Olivier LL.D. u mill-avukat Mark Fenech LL.D.

## 2. **XHIEDA**

Tul is-smigh tal-kaz xehdu s-segwenti persuni :

| | | |
|---|---|---|
| Is-sur Philip Debono | - | Direttur |
| Is-sur John Mary Camilleri | - | Klijent |
| Is-sur Jos. Demanuele | - | ex-impjegat |
| Is-sur Jesmond Buttigieg | - | ex-impjegat |
| Is-sur Philip Debono | - | Driver |
| Is-sur Emm. Attard | - | Asst. Storekeeper |
| Is-sur Elvio Debattista | - | Storekeeper |
| Is-sur Ruben Chircop | - | Storekeeper |
| Is-sur Carmel Vella | - | L-appellant |

Sar ukoll konfront bejn ix-xhieda Emm. Attard u Elvio Debattista.

## 3. **DOKUMENTI**

Gew prezentati s-segwenti dokumenti :-

(i) Dikjarazzjoni ulterjuri tal-Kumpanija Michael Debono Ltd prezentata fl-ewwel seduta.

(ii) Kopja tac-Certifikat tat-Temm ta’ l-Impjieg ta’ l-appellant.

(iii) Fotokopja ta’ ittra datata 24 ta’ Lulju, 1996 fuq il-firma ta’ l-avukat Mark Fenech mibghuta lill-appellant dwar il-hlas ta’ “store items” misjuba neqsin.

## 4. **SOTTOMISSJONIJIET**

Il-Kumpanija ssottomettiet li l-appellant kien storekeeper tal-"parts" u accessorji ohra taghha u li fl-ahhar xaghrejn qabel ma gie terminat l-impjieg tieghu kienet gibditlu l-attenzjoni li kienu nstabu xi "parts" u accessorji ohra neqsin.

Gie allegat li l-appellant irrejagixxa b'mod negattiv, arroganti u supperv.

Il-Kumpanija ssottomettiet li fis-27 ta' Gunju, 1996 nstabu xi "parts" ohra neqsin, meta l-appellant jidher li ammetta li kien ha dawn il-parts meta accetta li jhallas ghalihom.

L-appellant kien staqsa kemm kien l-ammont li ried ihallas. Hu gie nfurmat li kien ghad irid isiru l-kontijiet.

F'dawn ic-cirkostanzi l-Kumpanija dehrilha li kien hemm ragunijiet tajba u bizzejjed biex jintemm l-impjieg tal-appellant.

Il-Kumpanija stqarret li kien ukoll miftiehem li l-appellant jinghata l-paga wara li jhallas il-bilanc dovut tal-"parts" neqsin.

L-appellant ikkontenda li ma kienx hemm raguni valida biex tittiehed decizjoni dixxiplinarja kontrieh meta ma kienx hemm bazi ghal din; anzi hassu offiz mill-kliem li ntqal lilu. Huwa ssottometta li kien hu li pprova jigbed l-attenzjoni ghall-nuqqasijiet li kien hemm fis-sistema tal-hrug ta' l-"istore items" izda hadd ma tah widen. L-appellant sostna li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu kienet tkeccija ngusta.

Fit-trattazzjoni finali taghha l-Kumpanija stqarret li l-bazi tal-argument taghha ma kienx serq mill-appellant izda nuqqas fl-obbligu tad-doveri tieghu bhala Storekeeper.

Irriteniet li ghalkemm intqal li l-appellant Vella gie li kien assistit minn impjegati ohrajn fl-istore, dawn kienu nstanzi izolati, pero’ Vella kien il-bniedem responsabbli mill-hrug ta’ “store items” ghall-mechanics tal-Kumpanija.

Il-Kumpanija ghamlet referenza ghax-xhieda ta’ Jesmond Buttigieg ex-mechanic taghha li xehed li l-”istore items” li rritorna ried ihallas ghalihom izda baqa’ ma hallasx.

Gie rilevat li f’dan il-kaz Vella ma kellux l-inkarigu li jbiegh “store items” lill-impjegati, izda biss ghall-uzu fil-garage.

Fil-fehma tal-Kumpanija t-tkeccija ta’ l-appellant kienet dixxiplinarja ghab-bazi ta’ nuqqas ta’ fiducja fih li jaqdi d-dmir tieghu ta’ storekeeper sewwa.

L-appellant irrisponda li minn dak li qalet il-Kumpanija ma kienx hemm ghalfejn jirrispondi dwar serq.  Huwa sostna li ma ngibux provi li l-”istore items” hargu minnu illegittimament u rrefera ghall-artiklu 635 Kap. 9 tal-Ligi, li skond hu jitkellem dwar reati ta’ min ikun komplici u jixhed kontra haddiehor. Minn xehed li l-items ircevihom minn ghandu, ma qalx li rcevihom illegittamament.

L-appellant irrefera ghall-istore u qal li dan kien accessibbli ghall-storekeepers ohrajn u kien facli li jinghataw “store-items” kemm lill-mechanics u klijenti.

Irrefera wkoll ghad-Decizjoni tat-Tribunal fil-kaz  Petrella vs Mercieca Bathroom Centre li ghandha tapplika fil-kaz tieghu galadarba kienu jezistu l-istess cirkostanzi fejn l-”istore” huwa accessibbli ghall-persuni ohrajn.

Meta rrefera ghax-xhieda tal-klijent John Mary Camilleri, l-appellant sostna li ma setax dan kategorikament jixhed li hu kien accetta li jhallas ghal dak li kien hemm nieqes. Ikkontenda li dak li qal l-appellant kien forma interrogattiva u ma accettax ji jhallas.

L-appellant argumenta li l-”onus” tal-prova kien tal-Kumpanija li ma rnexxiliex igib provi ragonevoli minghajr dubju.

L-appellant sostna li gie mkecci sommarjament sempliciment kif kien ikkonkluda s-sur Philip Debono, minghajr investigazzjoni serja.

## 5. **KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL**

Fil-Kwistjoni quddiem it-Tribunal kien jinhtieglu jezamina x-xhieda ta’ diversi persuni li xehdu quddiemu biex ikun jista’ jasal ghall-konkluzzjonijiet tieghu.

Peress li fis-sottomissjonijiet finali taghha l-Kumpanija eskludiet l-akkuza ta’ serq kontra l-appellant u llimitat l-argumenti taghha ghab-bazi ta’ tkeccija bhala pass dixxiplinarju, l-kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal huma fuq l-aspett li l-appellant ma qeghdiex id-doveri tieghu.

It-Tribunal josserva li waqt li l-”istore” huwa komuni, cioe’ kemm biex jinqdew il-klijenti kif ukoll il-”mechanics” tal-Kumpanija, r-responsabbilta’ ghall-hrug ta’ “store items”, “spare parts” u ghodda kienet maqsuma fuq “storekeepers” differenti.

Ma hemmx dubju li waqt li kien hemm individwi ohra fl-”istore” tal-Kumpanija  nkarigati mill-hrug ta’ “spareparts” u ghodda kienet maqsuma fuq “storekeepers” differenti.

Ma hemmx dubju li waqt li kien hemm individwi ohra fl-"istore" tal-Kumpanija nkarigati mill-hrug ta' "spareparts" ghall-klijenti, l-appellant kien l-impjegat innkarigat mill-hrug ta' "spareparts" mehtiega mill-impjegati fil-garage tal-Kumpanija ghall-manutenzjoni u/jew tiswija tal-vetturi.

It-Tribunal jifhem li l-appellant ma setax fizikament jivverifika jekk l-"istore items" generalment "spare parts" li kien johrog lill-impjegati tal-garage kinux jigu wzati ghall li skop li jkunu gew provduti cioe' "replacement" jew tiswija tal-vetturi. Izda t-Tribunal jifhem ukoll li l-appellant ma kellux awtorizazzjoni biex johrog jew ibiegh "store items" lill-impjegati tal-Kumpanija ghall-uzu personali taghhom, jekk mhux bhala klijenti, funzjoni u dover li kienet vestita ghand "storekeepers" ohrajn.

Gie stabbilit li l-okkazjoni meta s-sur Philip Debono, Direttur kellem lill-appellant fuq is-suggett li nstabu "store items" neqsin, ma kinitx l-ewwel darba li l-appellant ingibditlu l-attenzjoni tieghu ghal dan il-fatt.

Ma giex kontestat il-fatt li qabel ma gie terminat l-impjieg tieghu, l-appellant gie mitlub jaghti spjegazzjoni ta' li "store items" neqsin.

Jidher li waqt id-diskursata bejniethom, saret referenza ghall-hlas ta' li "store items" neqsin. Dwar din ir-riferenza, t-Tribunal sema' zewg verzjonijiet opposti, dik tas-sur Debono li l-appellant accetta li jhallas ghall-"istore items" neqsin u dik ta' l-appellant li r-riferenza ghall-hlas ma kinitx ammessjoni li kellu tort izda li kienet cahda.

F'dan ir-rigward it-Tribunal sema' zewg xhieda li kienu vicin id-Direttur Debono u l-appellant Vella waqt din id-diskursata.

Jirrizulta lit-Tribunal li s-suggett tal-hlas ghall-”istore items” neqsin kienet tifforma parti mportanti tad-diskursata bejniethom u ghaldaqstant it-Tribunal jifhem li ghab-bazi tal-principju tal-bilanc tal-probabbilita’ tezisti ndikazzjoni sostanzjali li l-appellant iffaccjat f’dak il-mument mill-akkuza ta’ serq tad-Direttur wera disposizzjoni li jaghmel tajjeb ghall-”items” neqsin.

Skond il-Kumpanija l-valur tali “store items” neqsin kien jammonta ghal sitt mija u tmienja u disghin liri Maltin (Lm698).

Ghal dak li jirrigwarda l-”istore items” neqsin, it-Tribunal huwa sodisfatt li xi whud minnhom instabu fil-pussess ta’ zewg ex-impjegati mechanics tal-Kumpanija li bil-gurament ikkonfermaw li kienu “store items” tal-Kumpanija b’wiehed, Jesmond Buttigieg jixhed kategorikament li kien l-appellant li taghhomlu u bl-iehor, Joseph Demanuele, jixhed li jippreferi li ma jizvelax minn kien taghhomlu.

L-appellant mistoqsi mit-Tribunal jekk qattx kellu xi nkwiet max-xhud Buttigieg jew kienx jaf b’xi raguni li geghlet lill-Buttigieg jixhed kontrieh, irrisponda fin-negattiv.  Din il-mistoqsija saret biex it-Tribunal jaccerta ruhu jekk ix-xhud Buttigieg kienx motivat ulterjarment biex  jixhed kif xehed. Ghalkemm l-appellant innega fix-xhieda tieghu li kien ipprovda “store items” illegalment lill-Buttigieg, fil-fehma tat-Tribunal naqas li jikkonfuta b’raguni sufficcjenti x-xhieda ta’ Buttigieg li identifikah bhala l-persuna li pprovditu bl-”istore items”.

F’dan ir-rigward il-Ligi tipprovdi “li x-xhieda ta’ xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar”.

It-Tribunal ma naqasx li jikkunsidra wkoll ir-raguni mghotija mill-Kumpanija ghat-terminazzjoni ta’ l-impjieg ta’ l-appellant, ossija “Ghall-ragunijiet ta’ dixxiplina”, li zvolgiet fuq l-aspett ta’ rresponsabbilta’ dwar xoghol l-appellant.

Peress li l-appellant irrefera ghad-Decizjoni Nru. 687 ta’ dan it-Tribunal dwar il-kaz bejn Alessandro Petrella u Alex Mercieca Bathroom Centre fejn gie rilevat li l-”istore” li kien responsabbli ghalih Petrella kien accessibbli ghall-persuni ohra u kwindi Petrella ma setax jitqies hati ta’ nuqqas ta’ “store items” f’cirkostanzi ta’ din ix-xorta, t-Tribunal irid jirrileva li fil-kaz in ezami kellu jiehu f’kunsiderazzjoni mhux dan l-aspett biss, izda wkoll ix-xhieda ta’ Buttigieg l-ex-impjegat “mechanic” tal-Kumpanija u John Mary Camilleri, il-klijent li kien prezenti meta d-Dirՙettur Philip Debono kellem lill-appellant Vella.

6. **<u>DECIZJONI</u>**

Ghaldaqstant wara li kkunsidra l-fatti u c-cirkostanzi kollha, sema’ x-xhieda prodotti, ra d-dokumenti esebiti, sema’ u kkunsidra l-osservazzjonijiet tal-partijiet, hija l-fehma meqjusa tat-Tribunal, dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tieghu citati hawn fuq, li l-appellant Carmel Vella naqas serjament li jsegwi d-doveri tieghu ta’ “assistant storeman”, doveri espressament allokati lilu li jesigi li ma johorgux jew jonqsu “store items” minghajr awtorizazzjoni li ghalihom kien responsabbli.

It-Tribunal ghalhekk jiddeciedi li t-terminazzjoni ta’ l-impjieg ta’ l-imsemmi appellant Vella minn mal-Kumpanija Michael Debono Ltd kienet ghall-raguni tajba u sufficcjenti.

It-Tribunal irid izda jigbed l-attenzjoni tal-Kumpanija li d-decizjoni taghha li ma halsitx il-pagi dovuti lill-appellant ghax-xoghol li kien ghamel hija zbaljata u tmur kontra d-disposizzjoni tal-Ligi taht l-Artiklu 23 Kap. 135.

Il-Kumpanija ghandha ghalhekk tirregolarizza l-posizzjoni taghha versu l-appellant f'dan ir-rigward u thallsu l-pagi u bonus dovuti lilu.

Ghall-fini ta' drittijiet li jithallsu, t-Tribunal qieghed jiffissa dawn fis-somma ta' Erbghin Liri Maltin (Lm40) ghall-kull wiehed mid-difensuri li assistew lill-partijiet.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

---------------------
Carmel Debono
CHAIRMAN

-----------------
Edwin Spiteri
SEGRETARJU

mrg